

II

(Atti mhux leġislattivi)

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-23 ta' Jannar 2012

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE rigward emenda għall-Anness XIII (Trasport) għall-Ftehim taż-ŻEE

(2012/54/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 100(2) u 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 tat-28 ta' Novembru 1994 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artiklu 1(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) L-Anness XIII għall-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ⁽²⁾, ("il-Ftehim taż-ŻEE") fih dispożizzjonijiet u arranġamenti speċifiċi fir-rigward tat-trasport.

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 255/2010 tal-25 ta' Marzu 2010 li jstabbilixxi regoli komuni dwar il-ġestjoni tal-fluss tat-traffiku tal-ajru ⁽³⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim taż-ŻEE.

(3) L-Anness XIII għall-Ftehim taż-ŻEE għandu għalhekk jiġi emendat kif xieraq.

(4) Il-pożizzjoni tal-Unjoni li għandha tittieħed fi ħdan il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE mehmuż ma din id-Deċiżjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar l-emenda proposta għall-Anness XIII (Trasport) għall-Ftehim taż-ŻEE għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Jannar 2012.

Għall-Kunsill

Il-President

M. GJERSKOV

⁽¹⁾ ĠU L 305, 30.11.1994, p. 6.

⁽²⁾ ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3.

⁽³⁾ ĠU L 80, 26.3.2010, p. 10.

ABBOZZ TA'

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru ...

ta'...

li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness XIII tal-Ftehim kien emendat l-aħħar b'Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru .../... ta'...⁽¹⁾.
- (2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 255/2010 tal-25 ta' Marzu 2010 li jstabbilixxi regoli komuni dwar il-ġestjoni tal-fluss tat-traffiku tal-ajru⁽²⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Dan il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 66wh (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 262/2009) tal-Anness XIII tal-Ftehim:

"66wi. **32010 R 0255**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 255/2010 tal-25 ta' Marzu 2010 li jstabbilixxi regoli komuni dwar il-ġestjoni tal-fluss tat-traffiku tal-ajru (ĠU L 80, 26.3.2010, p. 10).

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattament li ġej:

Dan ir-Regolament m'għandux ikun applikabbli għal-Liechtenstein."

Artikolu 2

It-test tar-Regolament (UE) Nru 255/2010 li għandu jiġi ppubblikat fl-ilsien Islandiż u dak Norveġiż, fis-Suppliment taż-ŻEE għal *Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkun awtentiku.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-..., sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE għal, *Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kumitat Konġunt ŻEE

Il-President

Is-Segretarji Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

⁽¹⁾ ĠU L ...

⁽²⁾ ĠU L 80, 26.3.2010, p. 10.

^(*) [Ma huma indikati l-ebda ħtiġijiet kostituzzjonali.] [Ħtiġijiet kostituzzjonali huma indikati.]